# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 30 — IT-TLIETA, L-1 TA' FRAR, 1944. — Nru. 30


## TAMA FIL-FUTUR

(*Mill-Editur*)

MINN kif spiċċat il-gwerra l-oħra, il-Ġappun kien ġabar il-forzi tiegħu kollha u għamel ħiltu kollha biex jirbaħ is-swieq tad-dinja bl-affarijiet ta' kull ġeneru u bir-roħs tagħhom.

Biex pajjiżi oħra, iżjed ċivilizzati mill-Ġappun, setgħu jżommu s-swieq tagħhom mixjin, kellhom tabilfors joħolqu xkiel għall-merkanzija Ġappuniża billi jagħmlu dazji fuqha bosta drabi qawwijin.

Kienet ħaġa minn ewl id-dinja illi l-ħaddiem kien jieħu pjaċir bil-merkanzija Ġappuniża *għaliex irħisa* u b'hekk kienet tagħtih ċans li jgħix iżjed b'irħis. B'dan il-mod kienet inħolqot konkorrenza u ġlieda siekta imma l-iżjed gravi bejn il-merkanzija ta' pajjiż u ieħor li indirettament kienet għad trid tabilfors tiddeċiedi d-destin ta' dawk il-pajjiżi *u tal-ħaddiema tagħhom.*

F'biċċa kbira mill-fabbriki Ġappuniżi, il-ħaddiem kien imħallas bl-ikel biss—bosta drabi bi platt ross biss. Dan ma kien jaqbel xejn mal-mod li bih kienu ittrattati l-ħaddiema fil-fabbriki Ingliżi, u naturalment in-neguzjant Ġappuniż kellu dak il-vantaġġ li dejjem jista' jbigħ wisq b'orħos.

Iżda din il-kummidja, kieku tkompliet, ma setgħetx tibqa' sejra għal dejjem mingħajr ma tikkaġuna taqlib kbir u importanti, ekonomiku u soċjali f'dawk il-pajjiżi li għandhom x'jaqsmu f'din il-ġlieda.

Fi ftit kliem dawk in-nies kollha li kienu jappoġġaw u jixtru affarijiet irħas, jafu jew ma jafux kienu huma stess qed jaħdmu kontra ħuthom il-ħaddiema tal-fabbriki mhux Ġappuniżi; għaliex dawn fl-aħħar mill-aħħar kienu jistgħu jikkompietu *biss* mal-fabbriki Ġappuniżi billi jbaxxu l-pagi tal-ħaddiema u b'hekk ibaxxu wkoll l-istat tal-għajxien tagħhom b'mod li jġibuh indaqs ma' dak tal-Ġappuniżi. Mela dawk kollha li kienu jħarsu lejn dak ir-roħs bħala ħaġa ta' ġid għall-ħaddiem, kienu qegħdin jiżbaljaw.

Bl-istess mod niżbaljaw jekk aħna nippretendu illi għandna nbaxxu jew nippermettu illi l-prezz tal-affarijiet tal-biedja jkunu hekk baxxi li ma jħallux qligħ xieraq għall-bidwi.

It-tip ta' kultura u progress ta' kull pajjiż tad-dinja tarah fin-nies tal-kampanja. Ikun żball kbir jekk ma nqajmux il-biedja tagħna u jekk ma ngħollux l-għajxien tal-bidwi. Ftit huma l-bdiewa illi l-għajxien tagħhom (*standard of living*) kien, qabel il-gwerra, iżjed għoli minn dak tal-Ġappuniżi, u ħadd ma jista' jiċħad illi bosta bdiewa ma kinux jaqilgħu l-ħobża tagħhom ta' kuljum. Bħala poplu ċivilizzat aħna m'għandniex inħallu l-biedja tarġa' taqa' fl-istat imsejken li kienet fl-imgħoddi!

Il-Britannja l-Kbira, rebbieħa u glorjuża, wiegħdet lil din il-Gżira tal-"George Cross" li tagħtiha t-tmun mill-ġdid f'idejha biex titmexxa minn uliedha lejn id-destin tagħha. Il-bdiewa tal-lum, b'għajnejhom miftuħa u xewqanin għal futur tagħhom, iħarsu b'tama kbira lejn iż-żmien li ġej, bit-tama li jkun għalihom ta' ħajja ġdida u li huma jkunu ittrattati xejn iżjed u xejn inqas minn bdiewa f'artijiet oħra ta' l-Imperu Ingliż.

:x:

## IL-BIEDJA FI FRAR

(*Editur tal-Propaganda*)

### Fl-Egħlieqi

FRAR għandu l-fama li hu milwiem, iżda mhux dejjem hekk; għalkemm ngħidu li Frar fawwâr, it-tifsira tal-kelma *fawwâr* mhux dejjem tista' teħodha għax-xaba' ta' l-ilma li jiġi li jinżel f'dan ix-xahar, iżda iva għall-abbundanza ta' ġid li bih tfur id-dar tal-bidwi, jew il-matmura, u mhux għall-abbundanza ta' ilma li jimla l-bjar, għax mhux l-ewwel darba li min ma laħaqlux jimtlielu l-bir bl-ilma sal-bidu ta' dan ix-xahar, baqa' mbagħad bil-bir vojt.

Issa li l-art bdiet tixxotta, li r-reżħa bdiet tonqos u l-art bdiet tisħon xi ftit, f'wiċċ il-ħamrija jibda jfeġġ il-prodott li nżera' f'Jannar, jiġifieri jibdew inebbtu ż-żriegħ ta' dawk il-prodotti li mħabba l-kesħa ma felħux jinbtu. Ma' dħul Frar l-art għandha tingħażaq f'banek u tiddemmel għaż-żrigħ tal-ħaxix tas-sajf, kif ukoll għall-bħajra, qara' bagħli u qara' aħmar. Jinħtieġ ma nagħmlux dak l-iżball li niżirgħu żżejjed minn dawn. Bħalissa għandu jitnaqqa u jintaqax il-wiċċ tal-qamħ, tas-silla u ta' wċuħ oħra. Għandha tinżara' l-ġilbiena, iż-żofżfa, il-għazz, il-ħlewwa, u l-għosfor, jekk dawn għadhom ma nżergħux. Il-bidwi għandu jissokta jiżra' l-patata—u għal għeluq dan ix-xahar għandha tinżera' l-patata mwaħħra miż-żerriegħa li ntrefgħet mill-wiċċ tax-xitwa. Għal dil-ħabta jinżara' wkoll il-ħass, il-ġidra tal-foss, iz-zfunnarija, il-pitravi, l-ispinaċi li jilħqu ma' tul is-sajf. Tista' tinżera' l-fażola. Dan ix-xahar u għeluq id-dieħel jinżergħu l-ħmiemel għax-xtieli tal-qara' twil u tal-ħjar f'post kenni u xemxi.

Tħallix il-qaqoċċ jixxotta, żommu xebgħan bl-ilma u itlaqlu xi ftit bżar mal-ħamrija.

### Fil-Ġnien

Iżra' r-ravanell, il-ħass, l-ispinaċi, il-krexxjuni, il-krafes, il-pitravi u l-ġdur għall-prodott tas-sajf. Imborġa l-indivja u l-kurrat ħalli jibjadu u jitjiebu. Hawwel ix-xalotti. Naddaf il-ħmiemel tal-frawli mill-ħaxix ħażin; demmel bilbżar misjur qalb il-flanni tal-frawli biex tgħin il-prodott iħaxxen il-frott tiegħu. Il-quddiem, meta l frott jibda jgħaqqad, tajjeb li xxerred bejn il-flanni xi ftit tiben biex il-frawli tibqa' nadifa. Agħżaq fil-fond u demmel għall-ħaxix tas-sajf. Issa jistgħu jinżergħu l-ħmiemel tal-ħjar u tal-qara' twil, sabiex jixxettlu għax-xahar id-dieħel jew tista' tiżra' mill-ewwel fil-post fl-aħħar ta' dan ix-xahar. Iżra' wkoll it-tadam, il-brinġiel u l-bżar aħdar f'post sħun u xettel imbagħad f'April.

### Fil-Ġnien tas-Siġar tal-Frott

Qabel ma jagħlaq dax-xahar, għandu jsir ix-xogħol kollu tat-taħwil u koltivazzjoni kif semmejna għax-xahar li ħareġ, l-iktar għal dak li hu taħwil, tilqim u żbir tad-dwieli u ta' siġar li jinżgħu mill-weraq. Dur it-tilqim tal-feles u jekk l-art taħbat tixxotta, bixx b'daqsxejn ilma biex iżżomm il-brokka friska u ma togħlobx bl-inxif. Soltu l-ġennien ftit iħabbel rasu biex jiżbor it-tin. Dawk is-siġar tat-tin li ma jinżabrux ma tistax tieħu frott sabiħ minnhom.

# KIF TFELLES IŻ-ŻERRIEGĦA

## MIRAKLU TAN-NATURA LI FTIT NAGĦTU KASU

(*C. Zammit-Marmarà M.B.E.*)

BOSTA drabi ma' tul is-sena jkollna bżonn niżirgħu xi żerriegħa aktarx mingħajr xejn ma nġibu quddiem għajnejna l-ġmiel li n-natura żejnet bih dik ix-xorta ta' żerriegħa. Id-delizzju u l-imħabba lejn il-pjanti jikbru, u x-xogħol tagħna nibdew nagħmluh wisq iżjed bi ħrara, kieku kull wieħed minna jitgħallem l-egħġubijiet li n-natura tat lil kull xorta ta' żerriegħa. Mirakli li jsiru taħt għajnejna u li aħna ftit li xejn nagħtu kas tagħhom!

Il-pjanti kollha tad-dinja jitqassmu f'żewġ għaqdiet kbar: l-għaqda għolja u l-għaqda baxxa. Ta' l-ewwel fiha magħha dawk il-pjanti kollha li jagħmlu l-fjur u li jitnisslu biż-żerriegħa, li mhix ħaġ'oħra ħlief il-bajd imdakkar tal-fjur.

Meta l-bajda fil-fjur tiddakkar mill-istamini tal-fjur raġel, hi tibda tintefaħ, u l-ħjut li minnhom hi magħmula jitbiddlu għal kollox f'bosta manieri sakemm fl-aħħar tiżviluppa u ssir żerriegħa. Meta ż-żerriegħa tkun żviluppat, ikollha minn barra għata ta' qawwa kemm tinħtieġ, li jħarisha minn xi ħsara, u jħarisha wkoll milli tfelles qabel ma tiġi ma' xi ħaġa adattata għaliha (jiġifieri l-ħamrija), li minnha tista' tgħix. Meta l-fjur igħaqqad iż-żerriegħa, hi tkun kollha miġbura flimkien f'għamla ta' għoqda jew f'għamla ta' miżwed mnejn imbagħad hi tkun tista' tingabar, iżda jekk aħna ma niġbruhiex, il-għoqda biż-żerriegħa, jew il-miżwed (skond ma jkun il-kas) jinqasam waħdu u ż-żerriegħa taqa' fl-art, jew ittir mar-riħ. Il-għata li jkollha ż-żerriegħa jista' jkun għamla ta' qoxra rqiqa, bħalma hu l-kas f'bosta żerriegħa tal-fjuri, u tista' tkun qoxra iebsa bħalma nsibu fiż-żerriegħa ta' bosta frott bħalma hi ċ-ċirasa, il-pruna, il-ħawħ, it-tamar u oħrajn.

Hemm il-klassi l-oħra ta' "pjanti baxxi"; bħalma huma l-felċi (tursin il-bir), il-moss, il-foqqigħ, u oħrajn bħal dawn, li ma jagħmlux żerriegħa, u għalhekk huma jitnisslu b'mezz ta' "spori", li jixxerrdu bir-riħ u ħwejjeġ oħra, u jfellsu malli jsibu kondizzjonijiet adattati għalihom.

Iżda dawn tat-tieni nistgħu nħalluhom barra f'dan l-artiklu għax ma iġux taħt dan l-iskop li għalih qegħdin niktbu. Aħna ser infissru ż-żierriegħa tal-ħxejjex u pjanti tal-fjur.

Iż-żerriegħa hi l-"embrio" tal-pjanta omm, li tfisser illi żerriegħa ma hix ħaġ'oħra ħlief pjanta żgħira magħluqa li tixbah lill-pjanta kbira li għamlitha.

Kieku wieħed jieħu żerriegħa u jqaxxarha, jiġifieri jneħħi minnha l-għata ta' barra, u jifli sewwa dak li jibqagħlu, huwa jsib li ż-żerriegħa għandha għerq irqiq, li wara li tinbet, jikber u jsir iz-zokk; barra minn dan ikollha wkoll bħal pali li, wara li tinbet, jiżviluppa f'par weraq żgħar (par f'kas ta' pjanta *minocotyledon*, u żewġ pari f'kas ta' *dicotyledon*)

Barra minn dan, in-natura tieħu kura kbira illi tforni lil dak l-egħruq taż-żerriegħa b'sustanza biżżejjed sakemm tkun tista' tfittex hi stess is-sustanzi li jinħtiġulha biex tikber. Din is-sustanza tinħażen fiż-żerriegħa fil-waqt li din tkun qiegħda ssir fuq ommha.

Is-sustanzi li ż-żerriegħa jkollha maħżunin fiha nfisha ma humiex l-istess f'kull xorta ta' żerriegħa iżda f'kull kwalità jkollha sustanzi differenti. Ħaġa waħda hemm li ftit jew wisq tinsab fiż-żerriegħa kollha, u din hi l-*fosfru*. Dawk il-pjanti li huma għonja fiż-żejt, bħalma hi l-pjanta taż-żejt ir-riġnu u taċ-ċikkulata, fiż-żerriegħa ssib ukoll ftit żejt. Il pjanti tal-miżwed, bħalma huma l-piżelli, ful, fażola, ġi'biena u oħrajn jagħtu żerriegħa li jkun fiha ħafna lamtu u protejna (amidi ecc.).

Mela, fi ftit kliem, iż-żerriegħa tikseb minn ommha *kemm jinħtiġulha sustanzi biex tkun tista' tmantni lilha nfisha sakemm tinbet u tkexxel*. Din is-sustanza tkun fil-weraq taż-żerriegħa li semmejna qabel, iżda malli din tfelles, allura s-sustanza maħżuna tibda għaddejja bil-mod u kemm jinħtieġ għall-għerq ta' l-istess żerriegħa.

Meta aħna niżirgħu ż-żerriegħa, jekk wara li niżirgħuha jkun hemm fil-ħamrija umdità biżżejjed, allura ż-żerriegħa tfelles. L-ewwel ħaġa li tiġri tkun illi l-għata jew qoxra li jkollha ż-żerriegħa titherra, u l-għerq li jkun hemm fiż-żerriegħa jipprova jaqbad mat-trab (ħamrija), fil-waqt li dawk li għad jiżviluppaw f'weraq ifittxu l-arja. L-għerq jinżel 'l isfel, u l-weraq jitilgħu 'l fuq. Fi ftit granet tisponta mill-ħamrija (tinbet). Sa hawnhekk iż-żerriegħa tkun għexet minn fuq dik is-sustanza li jkun hemm maħżun fiha, iżda mn'issa 'l quddiem, ikun jinħtiġilha tkompli tikber mis-sustanzi li hi stess issib fil-ħamrija. Biex ikun jista' jsir dan, l-għerq taż-żerriegħa jipprova jarmi għeruq irqaq ħafna li bihom ikun jista' jieħu s-sustanzi.

Fl-istess ħin il-weraq li jiftħu f'wiċċ it-trab jibdew jagħmlu wkoll xogħlhom, billi jieħdu mill-arja l-karbonju di-ossidu, u bil-proċess ikkomplikat tal-*fotosintesi* jbiddel dan il-gass f'żewġ elementi: karbonju u ossiġenu. Il-karbonju mbagħad jitbiddel l-ewwel f'lamtu u mbagħad f'zokkor li jservi biex iqawwi l-għerq tal-pjanta u b'hekk il-pjanta tiġi 'l quddiem. Fl-istess ħin l-ossiġenu jiġi mormi l-barra mill-pjanta b'mezz ta' li *stomata* (il-pori tal-weraq).

Kif tfelles u tinbet iż-żerriegħa hu tabilħaqq wieħed mill-mirakli sbieħ tan-natura, għaliex dan x-xogħol ma jsirx qabel ma ż-żerriegħa ssib dak li tkun bżonn, jiġifieri umdità u xi materjali oħra meħtieġa. B'danakollu ż-żerriegħa hekk żgħira żżomm fiha nfisha l-ħajja moħbija sakemm tiltaqa' ma' dak li tinħtieġ bħalma ġa fissirna. Hemm xi xorta ta' żerriegħa li ddum ħajja għal ġenerazzjonijiet sħaħ sakemm tiltaqa' ma' dawk il-kondizzjonijiet li jkollha bżonn biex tkun tista' tikber u tagħmel pjanta tixxiebah ma' ommha li minnha ġiet.

—:x:—

# GĦAQDA NAZZJONALI TAL-BDIEWA

## Fergħa tal-Mosta

## KUMITAT GĦAS-SENA 1944

*President Onorarju tal-Fergħa tal-Mosta*: W. R. Arċipriet Dun Karm Xiberras.
*President*: Salvu Gatt (tal-Gżejri).
*Uffiċjal tal-Propaganda*: Karmnu Bartolo (ta' Vennera).
*Kaxxier*: Ġużepp Fenech.
*Segretarju*: Manwel Bajada.
*Membri*: Pawlu Fenech, Ġużepp Grima, Majsi Vassallo, Mikelanġ Grech.
*Nota*: Il-Kumitati ta' l-irħula huma mitluba li jibagħtu mill-iżjed fis li jistgħu l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat għas-sena li dħalna fiha lis-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda, Villa Chelsea, Birkirkara.

# GĦAQDA NAZZJONALI TAL-BDIEWA TA' MALTA U GĦAWDEX

Nhar San Pawl, il-10 ta' Frar, 1944, fid-9 ta' filgħodu, fil-Liċeo tal-Ħamrun, fejn kien qabel l-Uffiċċju tal-Biedja, għandha ssir laqgħa ġenerali tal-Għaqda.

F'din il-laqgħa jistgħu jidħlu *biss* l-imsieħbin tal-Għaqda u jittieħdu passi serji biex ma jidħol ħadd ħlief l-imsieħbin.

*Aġenda*

1. Kelmtejn mill-President.
2. Elezzjoni tal-Kunsill Ġenerali.
3. Diskussjoni dwar il-Biedja Maltija għaż-żmien li ġej.
4. Ħwejjeġ oħra.

C. ZAMMIT-MARMARA',
*Segretarju Ġenerali.*

## 'L HAWN U 'L HINN

# FIR-RAZZETT U FIL-GHALQA

(*E. Bajada, Uff. Distr. Mosta*)

MINGHAJR dubju, il-kultivazzjoni tal-patata f'pajjiżna hi mill-ikbar fost l-egħlejjel tagħna. Għal biċċa l-kbira tal-bdiewa hi l-veru "andar" għax b'riħitha jaraw xi sold ġmielu. Fi żmien il-gwerra, imbagħad, u iktar u iktar fi żmien l-assedju li għadna kif għaddejna minnu, sirna nafu kemm tassew il-patata hi "ħobż u ġwież".

Il-patata, li l-lum bħalma naraw, hi l-għajxien ta' tant u tant nies, għall-ewwel xejn ma kienet stmata bħalma hi l-lum imma, għal kuntrarju, kienet tant mistmerra li saħansitra kienu jagħtuha lill-ħabsin biss bħala ikel l-iktar baxx u mqit.

Il-lum irridu ngħidu kelmtejn fuq kif daħlet il-patata fl-Ewropa u f'Malta wkoll; ħaġa li naħseb ħafna bdiewa jieħdu gost jaqraw.

Il-patata, għall-ewwel, kienet tinbet selvaġġa finnaħa tal-kontinent ta' l-Amerika t'Isfel. Hawn f'Malta daħlet għall-ħabta tas-sena 1808, jiġifieri meta ġew l-Ingliżi. Imma, sewwa sew meta daħlet fil-Kontinent u min kien li daħħalha, ħadd ma jaf sewwa. Hawn min igħid li kienu l-Ingliżi li ġibuha magħhom fl-iġfna mill-Amerika u hawn min igħid li kienu l-ewwel l-Ispanjoli għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu sittax, jiġifieri mat-350 sena ilu.

Is-sabiħa hi li f'kull pajjiż fejn dehret dejjem kien hemm min hu kontra tagħha: xi wħud kienu jaħsbu li tmarrad il-moħħ fil-waqt li xi oħrajn kellhom kontra tagħha għax mhix imsemmija fil-Bibbja. Is-Sultan Federiku l-Kbir tal-Prussja, fil-Germanja, sa kellu joħroġ bandu biex iġagħal lill-bdiewa ta' dak iż-żmien jiżirgħu l-patata. Imma kien il-għaks li ġiebu magħhom il-gwerer li kien hemm dak iż-żmien li ġagħlu l-bdiewa jikkultivawha filpajjiż ta' dak is-sultan. U fir-Russja, imbagħad, kienu tant kontra tagħha li saħansitra laqqmuha "t-tuffieħa taxxitan"!

Għall-ewwel fi Franza wkoll il-patata kienet mistmerra ħafna u kienu jgħidu li hi tajba biss għall-bhejjem u għan-nies fqar. Kien ċertu wieħed spiżjar Franċiż jismu Parmentier li tassew daħħal il-patata fi Franza; u dan ġara' hekk. Dan Parmentier kien waqa' priġunier tal-gwerra u fiż-żmien li kien f'idejn il-għadu l-ikel tiegħu kien aktarx patata, u dan għoġbitu ħafna. Wara xi żmien li raġa' għal pajjiżu, il-Gvern ta' hemm ħareġ premju għal min għandu l-ħila jsib ikel ġdid li fi żmien ta' l-għaks iservi minflok il-ħobż. Sena wara, Parmentier kiteb ktieb sabiħ fuq il-kultivazzjoni tal-patata u ppreżentah lill-Gvern.

Is-Sultan Lwiġi s-Sittax tah biċċa raba' ġmielha biex jaħdimha u jiżragħha patata. Meta kibret u ħarġet il-warda Parmentier ppreżenta bukkett lis-Sultan u dan malajr hemeż xi ward tal-bukkett fl-aċċetta tal-ġlekk tiegħu u s-Sultana hemżet bukkett f'xagħrha. Il-kbarat ta' madwarhom malajr marru għand Parmentier biex jagħtihom minn dak il-ward biex jiżżejnu bih huma wkoll. U f'kemm ili ngħid'ek kulħadd beda jitkellem fuq il-patata u fuq min kien qiegħed jikkultivahom.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-patata baqgħet dejjem ġejja 'l quddiem sakemm il-lum, nistgħu ngħidu, li hi ta' ħtieġa għal għajxien, daqs kemm hu l-ħobż stess.

* * *

"Inksar". Din il-kelma jużawha ħafna l-bdiewa ta' dawn in-naħiet meta jridu jgħidu li r-raba' jitlef minħabba xi xfarijiet ta' blat fil-wiċċ, braġ ta' ġebel, sisien, ħitan u, f'kelma waħda, art li ma trabbix. Ngħidu aħna, jekk tomna raba' jkun fiha siegħ "inksar", dan ifisser illi ħames sigħan biss ikunu jinħadmu.

Jekk din il-kelma hix qiegħda idjomatikament f'lokha jew le aħna, sewwa sew, ma nistgħux ingħidu—u dan lanqas ma hu l-post fejn wieħed joqgħod jikteb fuq dawn l-irqaqat—biss nafu li aħna ninqdew biha spiss u l-bdiewa jifhmuha tajjeb ħafna.

* * *

Qatt qgħadt toqgħod taħseb ftit kemm hi tassew lura s-sengħa tal-ġobon hawn f'Malta? Ma rridux hawn noqogħdu nsemmu fuq it-tames u x-xorrox, fuq kif jinħaleb il-ħalib, kif jingħasar, jitmellaħ, jitqalleb u jitnixxef fil-qannic (meta jkun hemm qanniċ!), xogħol li xejn ma jaqbel mas-sengħa tal-ġobon tal-lum. Qwieleb daqs bejta ta' bufula jew ižgħar—ġbejniet daqs sold: aħna, biex ngħidu s-sewwa, qatt ma stajna nifhmu għaliex il-ġbejniet isiru daqshekk ċkejknin. Għidna: Tgħid meta sejrin nitgħallmu nagħmlu l-affarijiet kif imiss u kif titlob is-sengħa? U dan ġagħalna naħsbu sħiħ fuq il-Ko-operativi tal-bdiewa li għandu f'moħħu jwaqqaf il-Gvern.

* * *

Hadna pjaċir wisq naraw lil wieħed mill-"Protection Officers"* jaqra l-"Bidwi" fil-beraħ, lin-nies tar-raħal. Kull nhar ta' Hadd, wara li tispiċċa l-knisja, araħ joħroġ filbieb ta' l-uffiċċju tiegħu u b'leħen għoli u ċar jaqra ħafna qari ta' fejda, fosthom il-"Bidwi". U l-bdiewa u nies oħra li jinzertaw hemm iduru miegħu bħal xehda naħal madwar bieqja zokkor!

Mhux li kien hawn oħrajn li jagħmlu bħalu!

**Nota tal-Editur.* X'uħud mill-"Protection Officers" u wkoll surmastrijiet ta' l-iskola qegħdin jxerrdu t-tagħlim li fih il-"Bidwi" fl-irħula. Dan hu ta' għajnuna kbira lillkampanja u aħna niżżuħajr lil min qed igħinna. L-ittri ta' inkoraġġiment li spiss jaslulna jkomplu jheġġuna biex nagħmlu ħiltna kollha biex "Il-Bidwi" jissawwar b'artikli ta' fejda.



Tliet Pastardiet f'Wirja.

## FUQ IZ-ZUNTIER

### PEPPI U TONI

(*C. Zammit-Marmarà, M.B.E.*)

TONI.—Qed narak ġej mill-bogħod imdaħħal ġo qoxortok, Pepp.

PEPPI.—X'hemm, Ton; qed jagħmel bard wisq u issa billi kbirna beda jagħmel bina l-bard. Katarin sikwit tgħajjarni li wasalt għal tax-xjuħ!

TONI.—Uh... Katarin qed tarmik wisq issa, għadek qisek bukkett!

PEPPI.—Għadni kif kelli x'ingħid magħha dalgħodu, għaliex għandna l-ħalib tal-baqra tagħna u riedet ta' bilfors tixtri tal-mogħża......

TONI.—Forsi għax ma serviex, hux?

PEPPI.—Le... Le..., anzi għandna żżejjed għalina, imma Katarin tibża' mill-ħalib tal-baqra, għax Rożi tal-Baqquna qaltilha li semgħet illi mill-baqar tista' tittieħed it-tiżi jew mard tas-sider u......

TONI.—U x'inti tgħid? Ixrob ħalib tal-mogħża kemm trid, jekk tiggustah iżjed minn tal-baqra, imma mhux għaliex tal-baqra fih il-mikrobi tal-mard. Dana kien possibbli fl-imgħoddi meta l-baqar li kellna f'Malta kienu jistgħu jinżammu bl-addoċċ, imma mill-1942 'l hawn, il-baqar ta' Malta kienu kollha ġew ittestjati għal din il-marda.

PEPPI.—Dan kif, Ton?

TONI.—Inti ma tafx illi mħabba n-nuqqas ta' l-ikel u l-posizzjoni li konna ninsabu fiha mis-sajf tal-1942 il-Gvern kellu joqtol bosta mogħoż u baqar?

PEPPI.—Iva, niftakar, għax lili qatluli għaxar mogħżiet u tliet baqriet.

TONI.—F'dak iż-żmien id-Dipartiment tal-Biedja kien ittestja l-baqar kollha, u dawk li wrew l-iċken sinjal li għandhom it-tiżi jew mard tas-sider, kienu nqatlu.

PEPPI.—Iva, il-baqra tiegħi lanqas ilu xejn li kienu ġew rawha għal din il-marda.

TONI.—Mingħalija li kienu reġgħu raw il-baqar ta' kulħadd.

PEPPI.—Mela allura ma hemm biża' ta' xejn.

TONI.—Ma hemm l-ebda biża' Pepp u, jekk inti tixtri xi baqra mingħand ħaddieħor u tkun trid tittestjaha għal din il-marda tista' titlob lid-Dipartiment tal-Biedja jarawhielek.

PEPPI.—Mela ngħidilha lil Katarin li mill-baqra m'għandhiex għax tibża'......

TONI.—Mhux mill-baqra tagħkom biss, imma mill-ħalib tal-baqar kollha li hawn f'Malta.

PEPPI.—Isma', Ton, inti żgur milli qed tgħidli hux, għax inkella tirrambani, Katarin, taf.

TONI.—Ma tirrambak xejn, għax dak li qed ingħidlek kollu minnu.

PEPPI.—Arani sejjer ngħidilha. Biex ninkiha nixrob xarba ħalib tal-baqra l-lum.

TONI.—Sewwa tagħmel. Saħħa Pepp.

PEPPI.—Saħħa, Ton.

:x:

## AVVIŻI

**KIOSK GĦAL BEJGĦ TA' ŻRIERAGĦ U XTIELI.**— Id-Dipartiment tal-Biedja fetaħ Kiosk ġdid għal bejgħ ta' żrieragħ u xtieli f'Rundle Gardens (quddiem Porta Rjali). Dawk li jikkultivaw il-ġonna għandhom isibu f'dan il-Kiosk ħażna kompluta ta' bżonnijiet għall-koltivazzjoni tal-ġonna, jiġifieri żrieragħ u xtieli mill-Qasam tal-Gvern, li jiġu ikkunsinnati mill-Kiosk. Il-ħsarat tal-bombi li kien hemm f'Rundle Gardens issa tneħħew u bħala mudell ingħażlet biċċa art fl-inħawi tal-Kiosk biex turi l-koltivazzjoni tad-diversi kwalitajiet ta' ħxejjex irrikkmandati mid-Dipartiment tal-Biedja. Tħawlu wkoll diversi strixex ta' ħamrija bi fjuri tal-pajjiż.

**ĊBIR TA' PATATA U BASAL.** — Dawk il-bdiewa li huma avżati mis-sensal tagħhom biex jikkunsinnaw il-patata jew il-basal tagħhom f'Maħżen tal-Gvern għandhom jistaqsu lis-sensal biex igħidilhom il-ħin li fih huma għandhom jieħdu l-patata jew il-basal tagħhom fil-Maħżen. Kull sensal għandu stabbilit żmien ta' siegħa jew sagħtejn skond il-kwantità li għandha tiġi ikkunsinnata, u l-bdiewa tiegħu għandhom jikkunsinnaw f'dak iż-żmien li hu stabbilit lis-sensal. B'dan il-mod ma jkunx hemm folol u rassa ta' karrettuni u b'hekk ukoll il-bdiewa jiffrankaw ħafna ħela ta' żmien mingħajr bżonn.

**LISTA TA' PREZZIJIET TA' ŻRIERAGĦ U XTIELI MILL-QASAM TAL-GĦAMMIERI.** — **Żrieragħ:** Pastard, 70s. ir-ratal; Kaboċċi (Flower of Spring), 35s. ir-ratal; Kaboċċi Mfelfla (Savoy Drumhead), 35s. ir-ratal; Gdur (Short Top Green), 35s. ir-ratal; Pitravi (Eġizzjana), 20s. ir-ratal; Karrotti (Chantenay), 35s. ir-ratal; Swede (Nevew Aħmar), (Magnum Bonum), 17s. 6d. ir-ratal; Nevew (Early White Milan), 17s. 6d. ir-ratal; Selq (Lucullus), 25s. ir-ratal; Basal (tal-Pajjiż), 50s. ir-ratal; Ħass (Cabb. Webb's Wonderful), 30s. ir-ratal; Ravanell, 15s. ir-ratal; Piżelli, 1s. 3d. ir-ratal; Ful, 1s. 2d. ir-ratal; Fażola Ħadra, 2s. 6d. ir-ratal; Tadam (Trophy), 70s. ir-ratal; Spinaċi 2s. 6d. ir-ratal; Krafes, Bisbies, 5s. ir-ratal.

**Xtieli:** Tadam, 1s. il-mija; Gdur, 9d. il-mija; Ħass, 6d. il-mija; Pastard, 1s. il-mija; Kaboċċi, 1s. il-mija; Spraġ, 1s. il-qatta; Spraġ, xtieli, 1s. it-tużżana. Demel naturali, 2s. 6d. l-ixkora; Demel artifiċjali £2. 8s. il-qantar Ingliż (cwt.); Ċiċri, 1s. ir-ratal; Qamħ-ir-Rum, 1s. ir-ratal; Kupru jew Sulfat ta' l-Ammonja 9d. ir-ratal.

Inħwissu lill-bdiewa sabiex ma jaqtgħux qalbhom imħabba l-kwantitajiet kbar ta' kaboċċi li kien hemm bix-xaba' x-xahar li għadda u sabiex iħawlu wiċċ ġdid ta' kaboċċi mn'issa billi soltu jkun hemm suq tajjeb għall-kaboċċi tas-sajf.

**PREZZIJIET TA' TBIN GĦALL-GWIEŻ TA' L-ANNIMALI.**—L-ogħla prezzijiet li bihom jitħallsu t-taħħana għax-xogħol ta' tħin ta' gwież ta' l-annimali huma dawn: 4s. il-qantar għat-tħin u 2s. għat-tħin oħxon tal-fanu.

## XIRI TA' TITOLI TAL-GWERRA U TAT-TIFDIL

### X'GĦANDEK TAGĦMEL BI FLUSEK?

Ixtri Titoli tal-Gvern, in-"National Savings Certificates" (Titoli tat-Tifdil) u d-"Defence Bonds" (Titoli tal-Gwerra).

Dawn it-Titoli ma jdumux ma jkunu jistgħu jinxtraw ukoll mill-*Uffiċċju tal-Biedja*, l-Għammieri.

Dan l-Uffiċċju jmissu għalhekk ikun għalikom "IL-BANK TAL-BDIEWA."

"National Savings Certificates". *Valur.*—Il-prezz ta' dawn iċ-Certifikati huwa 15s. kull Certifikat ta' "unit" wieħed. *Imgħax.*—L-imgħax li jittieħed minn fuq in-"National Savings Certificates" jiżdied mal-kapital. Certifikat ta' "unit" wieħed li jqum 15s., f'10 snin isir jiswa 20.6d.

*Xiri.*—Ħadd ma jista' jkollu iżjed minn 500 ċertifikat ta' "unit". Iżda fuq hekk hemm xi eċċezzjonijiet. *Tisrif.*—Jissarrfu wara 10 snin. Iżda t-tisrif tagħhom jista' jsir ukoll qabel. Jissarrfu bl-imgħax li jkun għalaq fuqhom fl-Uffiċċju tal-Posta.

"Defence Bonds" (Titoli tad-Difiża) tat-£3 fil-mija. *Jissarrfu wara għaxar snin mid-data tax-xiri bir-rata ta' £101 għal kull £100 ta' Bonds" flimkien ma' l-imgħax miġbur.*

L-imgħax jingħabar mid-data tax-xiri u jinġibed kull sitt xhur fl-1 ta' Marzu u fl-1 ta' Settembru. Jistgħu jissarrfu bil-£100 fil-mija bl-imgħax miġbur, wara avviż ta' sitt xhur, f'kull data li tkun. Jistgħu jitwellew. *Valur*: £5 kull "Bond". Ħadd ma jista' jixtri iżjed mill-valur ta' £1,000, barra minn "Bonds" li jintwirtu.

### QWIEL TA' DAN IX-XAHAR

*Nhar San Mattija (25 ta' Frar) il-jum jitwal pass ta' tarbija.*

*Jannar kiefer u Frar għandu d-dwiefer.*

*Meta Frar ikun fawwar, f'daqqa l-biedja tmur fl-itjar.*